MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2007

Talba Numru. 887/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Anthony Brincat u Joseph Borg bhala prokuratur ta' Domenico Borg u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2005 ghandhom jigu kancellati l-kliem 'Joseph Borg bhala prokuratur ta''**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha propju u ghan-nom ta' l-Enemalta, li permezz tieghu talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf, erba` mija u hamsa u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1435.28), kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku

fil-fond 45, Triq l-Isptar, Valletta, skond il-kont numru 090709740 bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.
Ra r-**risposta** ta' Anthony Brincat tal-4 ta' Mejju 2005 li permezz taghha eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi respinta fil-konfront tieghu stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi ebda ammont ma huwa dovut minnu, stante illi thallsu l-kontijiet kollha dovuti minnu, salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Ra r-**risposta** ta' Joseph Borg nomine tat-12 ta' Mejju 2005 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu jolqtu lil Joseph Borg nomine u dana peress illi kien sar ftehim mal-konvenut l-iehor Anthony Brincat biex ihallas l-arretrati kollha li kien hemm u l-kontijiet li jaqghaw kurrenti, illi l-esponenti noe ma kkunsmax dawk l-ammonti ta' dawl u ilma u dana huwa evidenti mill-kontijiet prezenti, u cioe` minn meta telaq mill-fond de quo l-konvenut l-iehor Anthony Brincat u l-familja tieghu, illi bla pregudizzju ghall-premess, il-kont ma jirrispekjax il-familja li kienet tabita fil-fond in kwistjoni u ghandu ghalhekk jigi aggustat, salv risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz, liema risposta giet ikkonfermata minn Domenico Borg b'nota tas-6 ta' Jannar 2006;

Sema` x-xhiedha kollha prodotti, ha konjizzjoni tad-dokumenti kolha esebiti;

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi s-servizzi ta' dawl u ilma illi dwarhom qed jintalab il-hlas isejjhu - bhala registrazzjoni - lill-konvenut Domenico Borg. Di piu`, jidher illi l-unika relazzjoni giuridika li tezisti bejn s-socjeta` attrici u l-konvenut Anthony Brincat hija l-iskrittura tas-17 ta' Novembru 2003 (fol 13), fejn l-imsemmi konvenut obbliga ruhu li jhallas s-somma hemmhekk indikata b'rati ta' hlas hemmhekk indikati.

Mill-provi wkoll jirrizulta ampjament ppruvat illi l-hlas li Anthony Brincat kien obbliga ruhu li jaghmel in effetti sar – u gew esebiti l-ircevuti kollha relattivi ghal dak il-hlas. Li mill-hlas maghmul minn Anthony Brincat kien hemm parti mehud mill-pensjoni jew introjtu ta' Domenico Borg huwa, ghat-Tribunal, irrelevanti, in kwantu jidher ippruvat illi l-uniku obbligu assunt mill-konvenut Brincat mal-Korporazzjoni attrici gie sodisfatt.

It-Tribunal ihoss illi f'din il-kawza ngiebu hafna provi inutili ta' kwistjonijiet li seta` kien hemm bejn il-ko-konvenuti dwar appuntu l-kontijiet tad-dawl u ilma fal-fond fejn ghal tant snin ghexu flimkien – pero` ghall-mertu *per se* tal-pendenza dawn kienu inutili u rrelevanti.

Una volta stabbilit illi r-relazzjoni giuridika tal-Korporazzjoni attrici mal-konvenut Brincat kienet biss naxxenti minn skrittura li l-obbligazzjoni naxxenti minnha giet sodisfatta, u bbazat fuq il-fatti illi r-registrazzjoni tal-meters u s-servizzi li dwarhom qed jintalab il-hlas, qeghda fuq il-konvenut Domenico Borg, allura ftit jibqa` ghazla ghat-Tribunal ghajr illi jilqa` t-talba attrici fil-konfront tieghu.

Kwistjonijiet ta' min l-aktar uza dawl u/jew ilma fil-fond de quo – jekk hux Brincat jew Borg, ma ghandux ikollha rilevanza ghat-talba attrici u zgur mhux mistenni illi l-Korporazzjoni attrici ghandha issa toqghod taqsam u tispetta l-kontijiet taghha skond konsum illi jkun ghamel kull wiehed mill-persuni registrati f'fond partikolari. Aktar u aktar meta jirrizulta illi qatt ma kienet, il-Korporazzjoni attrici, avzata b'kemm persuni qed jaghmlu uzu mis-servizzi ta` dawl u ilma.

Ikkunsidra ukoll :

Illi l-ammont mitlub fl-Avviz gie kkonfermat u fuq kollox lanqas ma huwa kkontestat. Oltre` dan, Joseph Caruana – Administrator fl-Accounts Department tas-socjeta` attrici – jikkonferma illi sal-lum qed isiru pagamenti ta' ghoxrin Liri Maltin (Lm20) akkont li qed jinqatghu mis-somma

globali, liema hlas ta’ ghoxrin Liri Maltin (Lm20) qed isir mill-konvenut Domenico Borg.

Dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghal kull dritt, jekk ikun il-kaz, tal-konvenut Borg fil-konfront tal-konvenut Brincat – mertu dan mhux ta’ din il-pendenza u jigi ripetut, illi ngiebu hafna provi irrelevanti quddiem dan it-Tribunal illi ma’ jiswew xejn ghad-domanda attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, b’ekwita` jaqta u jiddeciedi billi jilqa` l-eccezzjonijiet ta’ Anthony Brincat, jichad dawk ta’ Domenico Borg u jilqa` t-talbiet attrici **biss** fil-konfront ta’ Domenico Borg, b’dan illi jordna lill-istess Domenico Borg sabiex ihallas lill-Korporazzjoni attrici pro et noe is-somma ta’ elf, erba` mija u hamsa u tletin Liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1435.28) indikata fl-Avviz bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ l-istess Avviz.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut Domenico Borg, hlief ghal dawk relattivi ghal Anthony Brincat li ghandhom jigu sopportati mill-Korporazzjoni attrici pro et noe.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------